**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta' Ottubru 2022**

Rikors Numru: 124/22 AL

A B

vs

C B

(MR Numru 331/1999)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1) Illi l-partijiet izzewgu gewwa l-Knisja tal-Kappuccini, il-Furjana, nhar sittax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (16/05/1999) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 623/199 u dan kif jidher mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

2) Illi l-esponenti sseparaw minn xulxin mod de facto mis-sena elfejn u sittax (2016) filwaqt li s-separazzjoni giet konkluza permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Dr David Joseph Borg datat tlieta u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (23/06/2021) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B'.

3) Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal ossija D B, detentur tal-karta tal-identita' numru XXX li twieled fis-sitta u għoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn (2000) u li illum huwa maggorenni u E B, detentriċi tal karta tal-identita' numru: XXX li twieldet fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004), mmarkat bhala ”Dok C”

4) Illi ma hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet ilhom separati de facto mis-sena elfejn u sittax u permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Dr Nutar Dr David Joseph Borg datat tlieta u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (23/06/2021) u ghalhekk ghal aktar minn sena (1) matul l-ahhar (2) precedenti dan l-Umli Rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterja tal-artikolu 66B(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ammendat permezz tal-Att XXV tal-2021;

5) Illi dwar manteniment l-esponenti jiddkjara ai termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni illi l-intimat ihallas manteniment ghal bintu E fl-ammont ta' mitejn Euro (€ 200) fix-xahar;

6) Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1) Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dan a tenur tal-artikolu 66A tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

2) Tordna lir-registratur tal-qrati sabiex fiz-zmien imholli ghalhekk minn din l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Marzu, 2022;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla u fuq domanda tal-Qorti jwieġeb li m'ghandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Gunju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.